Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 122/2023**

**It-Tnejn, 04 ta' Settembru, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Horace Vella | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Joseph Vella | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsilll Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali x-Xagħra |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali in-Nadur |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kercem |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr.Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

**122.1 <u>Talba</u>**

122.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**122.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

122.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħat 120 u 121 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**122.3 <u>Intervention 77.3 Leader</u>**

122.3.1 Saret preżentazzjoni mill-Gozo Action Group Foundation (GAGF) dwar il-formulazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali għal Għawdex (CAP Strategic Plan 2023-2027). Din fiha erbgħa miżuri:

Miżura 1 - Keeping the Culture and Traditions of Gozo Alive;
Miżura 2 - Youth entrepreneurship in Gozo: Taking ideas to the Marketplace
Miżura 3 - Empowering Communities to act as Environmental Stewards; u
Miżura 4 - Promoting Healthy and Sustainabe Lifestyles in Gozo.

122.3.2 Dawn ġew spjegati fid-dettall minn Dr. Stephanie Vella u Dr. Gordon Cordina.

122.3.3 Is-Sindki ġew mitluba sabiex japprovaw din l-istrateġija. Ser tintbagħat id-dokument lil kull Kunsill Lokali sabiex tiġi ffirmata,

122.3.4 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi talab sabiex il-Kunsill Reġjonali Għawdex ikun membru tal-Gozo Action Group Foundation, dan issir bl-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-President fakkar lill-membri dwar it-talba biex issir it-tieni action group u li dan ma sarx peress li l-Kunsilli kienu kontra li jsir. Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni għal dan.

**122.4 <u>Komunikazzjoni tal-President u Korrispondenza</u>**

122.4.1 Ir-Reġjun irċieva talba mill-Uffiċjal Amministrattiv fuq Fondi għat-tiġdid tar-remote working tiegħu fix-xhur tax-Xitwa. Il-President qal li peress li s-Segretarja Eżekuttiva ma sabitx oġġezzjoni għal dan hu jaqbel tali talba tiġi milqugħa. Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni.

122.4.2 L-Uffiċjal Amministrattiv fuq Fondi talab sabiex jingħata erbat ijiem “Cultural leave” biex jieħu sehem f'kunċert minn band lokali li huwa parti minnha fl-Italja. Dawn ser ikunu jirrappreżentaw lil Għawdex. Dan il-cultural leave ġie approvat.

122.4.3 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand is-Segretarju tat-Teatru Astra dwar possibilita' ta' *sponsorship* tal-opera ‘Rigoletto' ta' Giuseppe Verdi. Huma talbu għajnuna ta' €1,000. Din ġiet diskussa fid-dettall. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li donazzjonijiet mhumiex permessi. Ġie deċiż li r-Reġjun jixtri 16 il-biljett għal din l-opera (14-il wieħed għal kull Sindku, ieħor għall-President tar-Reġjun u ieħor għas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun). Dawn se jingħataw lis-Sindki bħala ringrazzjament tal-ħidma tagħhom.

122.4.4 Il-Kunsill Lokali tal-Munxar ippreżenta kontijiet tal-pulizija li ntużaw waqt attivitajiet kulturali sabiex jiġi rimborżat skont l-iskema maħruġa mill-AKL. Il-President qal li dwar dawn il-fondi għad irid jiġu deċiż kif ser jiġu mqassma.

122.4.5 Proġett D.I.C.E. (Design, Innovate & Connect Efficiently). L-Uffiċjal Amministrativ fuq Fondi, is-Sur Fabian Galea nforma lir-Reġjun Għawdex li flimkien mal-Gozo College se jiġi mplementat proġett bl-isem D.I.C.E. taħt l-inizjattiva National STEM Community Fund 2023 tal-ESPLORA, bl-għan ewlieni li jippromowovi s-suġġetti STEM (Science, Technology, Engineering & Mathematics) fi ħdan il-komunita' Għawdxija. Dan ser jiġi ffinanzjat b'fondi mill-Inizjattiva Nazzjonali STEM Community Funds 2023. Il-Kunsilli qed jiġu mitluba jipprovdu post fejn jistgħu jsiru dawn il-workshops, is-Sibtijiet bejn 10:30 a.m. u 12:00 p.m. mill-21 ta' Ottubru sal-4 ta' Mejju 2024.

122.4.6 Il-President fakkar li trid issir fondazzjoni biex tmexxi ix-xogħol inkonnessjoni mal-preżentazzjoni tal-Bid Book għal Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031. Il-Bid book irid jiġi preżentat fit-2024.

122.4.7 Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u tal-Munxar talbu sabiex ikollhom trasferiment tal-fondi tagħhom minn l-iskemi tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex li kienu diġà ġew approvati. Dawn ġew approvati bil-kondizzjonijiet eżistenti li jitlestew sa l-aħħar tas-sena 2023 u li l-kontijiet jiġu ppreżentati sa l-aħħar ta' Jannar 2024. Ġie enfasizzat li mhux ser isiru trasferimenti minn fondi ta' proġetti kapitali għal attivitajiet kulturali.

122.4.8 Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni sabiex jintbagħtu mill-aktar fis possibli d-dokumenti neċessarji, speċjalment il-BOQs aġġornati ta' dawn it-tibdiliet msemmija.

**122.5 Rapport ta' Social Impact Assessment ta' Għawdex.**

122.5.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Simon Agius, Assistent Direttur fid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni tal-Politika fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, rigward Social Impact Assessment. Tali korrispondenza tgħid li r-Reġjun Għawdex huwa l-uniku Reġjun li għadu ma ssottomettiex dan ir-rapport. Il-President qal li kien sar MOU mal-FSWS (Foundation for Social Welfare Services) sabiex din id-data tingħata minnhom. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-FSWS u tibgħat dan ir-rapport. Peress li r-Reġjun ta' Għawdex ma nbidilx u baqa reġjun wieħed, ir-rapport tal-FSWS għandu jkun tajjeb għal dan il-għan. Ir-Reġjuni l-oħra f'Malta kellhom jagħmlu dan ir-rapport u dan ġie jiswa eluf kbar biex isir.

**122.6 Laqgħa Plenarja.**

122.6.1 Minħabba mpenji oħra speċjalment iż-żjara tat-tfal mill-Ukraina d-data tal-laqgħa plenarja kellha titmexxa lura. Din ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru filgħodu. Wara jkun hemm ikla ta' nofsinhar. Filgħaxija ikun hemm iċ-ċerimonja ta' Jum Għawdex. Ir-Reġjun għandu joħroġ sejħa għall-venue tal-Laqgħa Plenarja.

122.6.2 Il-President wera x-xewqa li ssir ikla organizzata mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex biex tfakkar it-30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Din ġiet skedata għal Gimgħa, 3 ta' Novembru 2023. Għandhom jiġu mistiedna dawk kollha li servew fil-Kunsilli Lokali ta' Għawdex.

**122.7 Regolarizzazzjoni tal-pożizzjoni tar-Reġistratur tat-Tribunal / Assistent tas-Segretarju Eżekuttiv**

122.7.1 Il-President informal li s-Segretarja Eżekuttiva talbet sabiex il-pożizzjoni tal-Reġistratur tat-Tribunal u Assistent tagħha jiġi rregolarizzat. Dan qiegħed fi skala 13 meta dawn il-pożizzjonijiet suppost huma ta' skala 11. F'dan ir-rigward, hi talbet il-parir mill-HR tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u ġiet infurmata li r-Reġjun għandu joħroġ sejħa internament (fir-Reġjun Għawdex biss). Irid jiġi żgurat li din il-persuna jkollha r-rekwiżiti meħtieġa. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li nofs il-paga ta' din il-persuna titħallas mill-LESA. Il-membri preżenti qablu li toħroġ din is-sejħa.

**122.8 Materji Oħra**

122.8.1 Peress li kien hemm xi Kunsilli li rtiraw l-applikazzjoniet tagħhom, ir-Regjun m'għandux biżżejjed applikazzjoniet għall-iskema SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex (kien hemm ħames applikazzjonijiet meta r-rikwizit kien li jrid ikun hemm minimu ta' sitt applikazzjonijiet) Ir-Reġjun ġie nfurmat li jista jaċċetta żewġ applikazzjonijiet minn l-istess Kunsill. Din it-talba trid pero tiġi approvata mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni tal-Politika fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali meta r-Reġjun jissottometti deskrizzjoni qasira tax-xogħlijiet kif ukoll BOQ dettaljat ta' kull proposta. Il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb għamel talba sabiex jifta applikazzjoni għat-tieni latrina. Għaldaqstant il-Kunsill Reġjonali Għawdex talab id-dokumenti meħtieġa lill-Kunsill Lokali tal-Għarb.

**122.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

122.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 134 li kienet tammonta għal €192,851.20.

**122.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

122.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |